*Art 741 u 730 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*Effetti transitorji tal-introduzzjoni tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2020**

**Numru 32**

**Rikors Numru 167/12TA**

**Ta' Sardinia Company Limited**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorita` tal-Artijiet, Kunsill Lokali Tarxien, Transport Malta illum Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2017 gie kjamat fil-kawza il-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Attriċi tas-7 ta' Frar 2012 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "Peress illi s-soċjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja ta' porzjoni diviża ta' art tal-kejl superfiċjali ta' ċirka ħames mija tlieta u għoxrin metri kwadri (523 metri kwadri, fi Triq George Caruana kantuniera ma' Triq N. Caruana Dingli, Tarxien (Dokument 'A'), formanti parti minn art akbar konsistenti f'għalqa, b'razzett magħha, denominata 'Ta' Sardina' sive 'Tal-Borg' tal-

kejl ta' ċirka tminet elef u disa' mitt metru kwadru illi s-soċjeta' rikorrenti xtrat u akkwistat b'kuntratt tas-27 ta' Lulju 1984 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona (Dokument 'B');

Peress illi l-imsemmija porzjoni diviża ta' art ittieħdet u ntużat mill-Gvern għall-skopijiet pubbliċi, stante illi sar ġnien pubbliku fuq din l-istess art, illum magħruf bl-isem ta' Ġnien Mark Farrugia, oltre illi nfetħu partijiet mit-toroq li jiċċirkondaw l-istess imsemmi ġnien u ingħaddew servizzi ta' katusi tal-ilma dana kollu fuq u taħt l-istess art hawn fuq deskritta u appartenenti lis-soċjeta' rikorrenti;

Peress illi l-imsemmi teħid u użu tal-proprjeta' hawn fuq deskritta sar mill-konvenuti, jew minn min minnhom, mingħajr qatt ma nħarġet l-ebda dikjarazzjoni tal-President ta' Malta għall-esproprjazzjoni ta' l-istess art, mingħajr ma ġie ppubblikat ebda avviż fil-Gazzetta tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-akkwist tal-Artijiet għall-Skopijiet Pubbliċi [Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta], mingħajr ma qatt ġiet segwita l-proċedura neċessarja skont l-istess imsemmija Ordinanza, u mingħajr ma qatt sar trasferiment ta' titolu tal-istess art a favur il-Gvern u/jew il-konvenuti, jew min minnhom.

Peress illi, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, l-istess art għadha sallum proprjeta' esklussiva tas-soċjeta' rikorrenti, għalkemm il-konvenuti, jew min minnhom, għadhom qed jokkupa l-art hawn fuq deskritta abbużivament u mingħajr ebda titolu legali.

Peress illi s-soċjeta' rikorrenti għalhekk, fil-vesti tagħha ta' proprjetarja assoluta tal-istess art hawn fuq deskritta, ġiet imċaħħda mill-pussess u l-użu tal-istess art bħal sid tal-istess art, u konsegwentement għandha l-jedd li titlob lura l-istess art mingħand il-konvenuti, jew minn min minnhom, bħala l-pussessuri attwali tal-istess porzjoni ta' art hawn fuq deskritta.

Peress illi għalkemm debitament interpellati b'ittra uffiċjali tas-27 ta' Settembru 2011, fejn il-konvenuti ġew interpellati sabiex jerġgħu jqiegħdu lis-soċjeta' rikorrenti fil-pussess tal-proprjeta' tagħha u li jersqu, fl-istess żmien u waqt, għal-likwidazzjoni u ħlas sew tad-danni kaġunati bl-aġir illegali tal-istess konvenuti, u sew tal-kumpens dovut għall-okkupazzjoni tal-istess prozjoni diviża ta' art mill-istess konvenuti tul id-diversi snin li għaddew, il-konvenuti baqgħu inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.

Tgħid għalhekk dina l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom ħadu pussess tal-art hawn fuq deskritta illegalment u abbużivament mingħajr ebda titolu jew dritt fil-liġi biex jagħmlu dan u għadhom sallum jokkupaw l-istess art illegalment u abbużivament;

2. Konsegwentement tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex, fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti għall-istess skop, jerġghu iqiegħdu l-istess art fl-istat oriġinali tagħha u li jiżgombraw mill-imsemmija porzjoni diviża ta' art b'mod illi jirrintegraw lis-soċjeta' rikorrenti fl-pussess esklussiv tal-istess proprjeta' hawn fuq deskritta;

3. Tiddeċiedi u ttiddikjara illi in vista tas-suspost, il-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti kaġunati mill-aġir illegali u abbużiv tal-istess konvenuti, jew ta' min minnhom, u kif ukoll għall-kumpens ġust u adegwat dovut għall-okkupazzjoni u użu tal-istess porzjoni diviża ta' art mill-istess konvenuti, jew minn minnhom, tul id-diversi snin illi l-istess art baqgħet fil-pussess tal-konvenuti jew ta' min minnhom;

4. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi sew id-danni sofferti minn u sew il-kumpens dovut lis-soċjeta' rikorrenti għar-raġunijiet suesposti;

5. Tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom li jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-imsemmija danni u kumpens hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Settembru 2011 u bl-imgħax dekorribbli fuq is-somma ta' danni u kumpens likwidati b'effett mid-data illi fiha l-konvenut, jew min minnhom, ħadu l-pussess abużiv tal-proprjeta' in kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tal-konvenuti, jew ta' min minnhom, skont il-liġi."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita' Għat-Trasport f'Malta tas-27 ta' Marzu 2012 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi in linea preliminari skond il-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta, isem l-Awtorita' konvenuta huwa Awtorita' għat-Trasport f'Malta. Għaldaqstant għall-korrettezza u għal kull buon fini, għandha ssir id-debita korrezzjoni.

2. Illi in linea preliminari l-Awtorita' konvenuta m'għandha ebda konnessjoni ma dak li qed tgħid is-soċjeta' attriċi u għalhekk mhiex il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi.

3. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tas-soċjeta' attriċi kontra l-Awtorita' konvenuta huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u

għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez u dana kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni tal-kawża.

4. Illi sussidjarment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' attrċi għandha tipprova liema hija l-art mertu tal-kawża odjerna u kif ukoll it-titlu tagħha fuq dina l-istess art.

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex assolutament ċar mid-dokumenti esebiti, kif il-parti tal-proprjeta' li s-soċjeta' attriċi qed tgħid li hija tagħha permezz tal-pjanti esebiti fid-Dokument B u notifikata lill-Awtorita' konvenuta flimkien mar-rikors promotur jikkombaċaw mas-*survey* esebit mis-soċjeta' attriċi a Dokument A u notifikat lill-Awtorita' konvenuta flimkien mar-rikors promotur.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-Awtorita' konvenuta ma għamlet ebda att abbusiv u illegali kif allegat mis-soċjeta' attriċi.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' konvenuta mhiex responsabbli għall-ebda kumpens u għal ebda danni u fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju l-istess soċjeta' attriċi għandha timminimizza d-danni.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi li hija minn issa inġunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Tarxien tat-28 ta' Marzu 2018 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

"1. Illi preliminarjament m'huwiex il-leġittimu kontradittur;

2. Illi fil-mertu l-konvenut m'għandu l-ebda pussess tal-art mertu tat-talbiet attriċi għaliex qatt ma kien hemm devoluzzjoni ta' din l-art mill-gvern ċentrali lill-Kunsill Lokali Tarxien;

U għalhekk it-talbiet għandhom ikunu miċħuda.

Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni ta' l-attur in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tat-2 ta' April 2012 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi l-korporazzjoni eċċipjenti mhix il-leġittimu kontradtiurru f'din il-kawża stante li mhix il-persuna responsabli għall-esproprijazzjoni *de quo*;

2. Illi, jekk l-istess korporazzjoni eċċipjenti għandha xi katusi u/jew pajpijiet mgħoddijin fuq jew taħt l-istess art indikata fir-rikors, dawn ġew mgħoddijin mill-Gvern skond l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma (XXIII/1991, illum Kap. 355) u ilhom hemm żmien twil;

3. Illi, għalhekk it-talbiet attriċi fil-konfront ta' l-istess korporazzjoni eċċipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, u l-istess korporazzjoni għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' attriċi;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita' tal-Artijiet ġja' Kummissarju tal-Artijiet tat-8 ta' Ġunju 2012 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"Illi in via preliminari jiġi eċċepit illi l-Kummissarju tal-Artijiet mhuwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża u dan stante li ma kienx hu li ddeċieda fejn sar isir dan il-proġett partikolari jew li wettaq ix-xogħlijiet li taw lok għar-rikors promotur;

Illi preliminarjament ukoll l-esponent jirrileva li hu qatt ma ġie ffaċċjat b'talba minn xi awtorita' pubblika sabiex jesproprja l-art li saret referenza għaliha fir-rikors promotur;

Illi l-Kummissarju tal-Artijiet m'huwiex l-awtorita' kompetenti sabiex tieħu deċiżjonijiet dwar fejn għandhom isiru proġetti pubbliċi jew minn fejn għandhom jgħaddu toroq ġodda fil-pajjiż, u kull meta jkun hemm il-ħtieġa li jsiru proġetti jew xogħlijiet ta' din ix-xorta, hi l-awtorita' li tkun trid tagħmel dawn ix-xogħljiet li tagħmel talba mal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex iniedi l-proċedura tal-espoprju, u dan wara li l-flus li ser jitħallsu bħala kumpens għal dik l-art jiġu ddepożitati mill-awtorita' li ser tagħmel ix-xogħlijiet f'kont bankarju;

Illi mir-rekords tad-Dipartiment jidher li fil-fatt veru li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali u l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern relevanti għadhom ma ħarġux u dan minħabba li qatt ma kien hemm talba sabiex jinbdew il-proċeduri relevanti għall-esproprju tal-art;

Illi sabiex l-esponent ikun jista' jipproċedi tal-esproprju, mhux biss f'dan il-każ, iżda f'kull każ, irid l-ewwel ikollu talba biex jesproprja għal skop

pubbliku, u wara jkun infurmat bi provi dokumentarji min huma s-sidien tal-art in kwistjoni;

Illi la darba l-esponent ikollu konferma tat-titolu huwa joffri l-kumpens li jqis ġust għall-esproprjazzjoni u dawk li jkunu intitolati għall-kumpens ikunu jistgħu jew jaċċettaw il-kumpens jew jikkontestaw l-ammont bi proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat li b'digriet tad-29 ta' Marzu 2017 ġie kjamat fil-Kawża il-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura.

Rat r-risposta ġuramentata tal-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura tad-9 ta' Frar, 2018 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

"Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

**Eċċezzjonijiet Preliminari**

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeċepixxi illi t-terminu sabiex tiġi ppreżentata risposta jibda jidekorri ġialadarba illi r-rikorrent joħroġ notifika fil-konfront tal-Avukat Ġenerali u dan ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponent jirrileva illi l-Avukat Ġenerali ġie nnotifikat bid-digriet tas-27 ta' Marzu 2017 biss fit-22 ta' Jannar 2018. Għaldaqstant l-esponent umilment jirrileva illi huwa mhuwiex kontumaċja kif inkorrettament huwa indikat fil-verbal tal-kawża odjerna ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Mejju 2017;

2. Illi in linea preliminari, l-esponent jeċepixxi illi dak li qiegħed jintalab mis-soċjeta' rikorrenti, bid-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 67 tal-Kap. 573 jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ bil-konsegwenza li dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex aktar ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-azzjoni odjerna u għalhekk l-azzjoni odjerna għandha tintbagħat minn dina l-Onorabbli Qorti quddiem l-imsemmi Bord tal-Arbitraġġ;

3. Illi in linea preliminari l-esponent jissottometti illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u dan ai termini tal-artikolu 181B (1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

   Illi *di piu'* joħroġ ċar mill-qari tar-rikors ġuramentat illi l-esponent ma ħa l-ebda deċiżjoni fil-konfront tar-rikorrent, wisq anqas għamel xi ordni sabiex l-art mertu tal-kawża odjerna ittiehdet mir-rikorrent;

4. Illi fir-rigward tad-danni li qegħdin jippretendu r-rikorrenti, dawn huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

**Eċċezzjonijiet fil-Mertu**

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

2. Illi l-esponent jeċepixxi illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

3. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' attriċi għandha tipprova liema hija l-art mertu tal-kawża odjerna u kif ukoll it-titolu tagħha fuq dina l-istess art;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent ma għamel ebda att abbusiv u illegali kif allegat mis-soċjeta' attriċi;

5. Illi in kwantu t-talba għad-danni, l-esponent m'huwiex responsabbli għall-ebda kumpens u danni kif allegati fir-rikors ġuramentat in risposta;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent."

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' April 2019;

Rat id-dokumenti u atti kollha tal-Kawża;

Rat li fis-seduta tal-11 ta' April 2019 il-Qorti ordnat li qabel xejn għandha tkun trattata t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali ġja' Ministru għat-Trasport u Infrastruttura u dan dwar il-ġurisdizzjoni ossija kompetenza ta' din il-Qorti.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw din l-eċċezzjoni fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019;

Rat l-kawża tħalliet għal-lum biex tkun determinata din l-eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat**

**1.** Il-Kawża li għandha quddiemha din il-Qorti tittratta t-teħid tal-art mertu tal-kawża mill-Gvern ta' Malta għal skopijiet pubbliċi. Din l-art tappartjeni lis-Soċjeta' Attriċi. Din qed tikkontendi li t-teħid tagħha kien wieħed illegali u abbużiv mingħajr titolu jew dritt fil-liġi mill-Awtoritajiet konvenuti jew min minnhom u li għalhekk sal-lum jokkupaw l-istess art illegalment u abbużivament. Fil-mument li saret il-kawża din il-materja kienet prinċipalment regolata mill-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi u ċioe' Kap 88 tal-Liġjiet ta' Malta.

**2.** Il-Kawża saret fis-7 ta' Frar 2012. Dak in-nhar ma kien hemm ebda dubbju li din il-Qorti, fid-dawl tal-liġijiet viġenti f'dak iż-żmien, fost oħrajn l-Ordinanza fuq imsemmija, din il-Qorti kellha ġurisdizzjoni u kompetenza li tisma' u tiddeċiedi dwar il-mertu. Fid-29 ta' Marzu 2017, iġifieri ftit aktar minn ħames snin wara li ġiet istitwita din il-Kawża, ġie kjamat fil-Kawża l-Ministru għall-Infrastruttura u Trasport illum Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Fir-risposta ġuramentata tieghu tad-9 ta' Frar 2018 bħala t-tieni eċċezzjoni u in linea preliminari eċċepixxa hekk:

"In linea preliminari, l-esponent jeċepixxi illi dak li qiegħed jintalab mis-soċjeta' rikorrenti, bid-dħul fis-seħħ tal-artiklu 67 tal-Kap 573 jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ bil-konsegwenza li din l-Onorabbli Qorti

ma għandiex aktar ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-azzjoni odjerna u għalhekk l-azzjoni odjerna għandha tinbagħat minn dina l-Onorabbli Qorti quddiem l-imsemmi Bord tal-Arbitragg."

**3.** Din l-eċċezzjoni ingħatat għaliex fil-mori ta' dawn il-proċeduri ġie fis-seħħ il-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta u ċioe' l-Att Dwar l-Artijiet tal-Gvern. Dan l-Att ġie fis-seħħ fit-12 ta' April 2017 iġifieri aktar minn ħames snin wara li kienet intavolata din il-Kawża. Bl-eċċezzjoni fuq imsemmija, il-Konvenut Ministru qiegħed jikkontendi li bis-saħħa ta' artikolu 67 tal-Kap 573, din il-Qorti ma għadx fadlilha ġurisdizzjoni u kompetenza. Jargumenta li bid-dħul tal-imsemmija liġi, din hija materja li taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Bord tal-Arbitraġġ tal-imsemmija liġi riċenti li ssostitwiet il-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

**4.** Bis-saħħa ta' din l-eċċezzjoni l-Konvenut Ministru qiegħed ukoll jistieden lil din il-Qorti sabiex tibgħat l-atti quddiem dak il-Bord. Fi ftit kliem, skont din l-eċċezzjoni, qiegħed ikun invokat l-artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Permezz ta' dan l-artiklu din il-Qorti għandha, wara li tkun ikkunsidrat jekk l-eċċezzjoni hiex ġustifikata, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Qorti, bord jew tribunal li din il-Qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-Kawża.

**5.** F'dan l-istadju il-Qorti tħoss li għandha tirrileva li tħossha xi ftit perplessa dwar l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Dan qiegħed jingħad

għaliex għalkemm skont dan l-artikolu materja ta' kompetenza tal-Qorti għandha tkun deċiża in camera u mingħajr dritt ta' appell, artikolu 730 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"L-eċċezzjoni* ***ta' inkompetenza*** *jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu."* ( Emfażi tal-Qorti ).

**6.** Dan ifisser, li skont dan l-aħħar artiklu, kwistjoni ta' inkompetenza tal-Qorti, li loġikament tikkomprendi kwistjoni ta' kompetenza, għandha tkun deċiża b'Sentenza u mhux digriet *in camera* u għalhekk fil-miftuħ, bil-konsegwenza daqstant loġika, bi dritt ta' appell. L-unika mod kif din il-Qorti tista', b'mod limitat, tirrikonċilja dawn iż-żewġ posizzjonijiet hu, billi fil-każ li l-Qorti tirrofta l-ġurisdizzjoni u kompetenza japplika l-artiklu 741(b), mentri jekk tafferma l-ġurisdizzjoni u kompetenza japplika l-artiklu 730 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Fi ftit kliem digriet *in camera* ai termini tal-artiklu 741(b) jingħata biss meta l-Qorti tiddikjara li ma għandhiex kompetenza. Din il-Qorti qegħdha tiddeċiedi, b'Sentenza u mhux b'digriet, il-vertenza li għandha quddiemha, appositament għaliex ser tafferma il-ġurisdizzjoni u kompetenza tagħha għar-raġunijiet li ser ikunu spjegati aktar 'l isfel.

**7.** Il-Konvenut Ministru jargumenta li ġaladarba ġie fis-seħħ il-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, anke jekk dan seħħ fil-mori ta' din il-Kawża, allura in

virtu' tal-artikolu 67 ta' din il-Liġi, din il-Qorti ma hiex aktar kompetenti biex tkompli tieħu konjizzjoni tal-Kawż. F'dan ir-rigward, il-Bord imwaqqaf b'din il-liġi tabilħaqq għandu kompetenza assoluta fuq il-materja regolata. Iża fid-dawl tal-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti, dak li jrid ikun eżaminat huma d-disposizzjonijiet transitorji f'din il-liġi. B'dan il-mod biss tista' tasal għall-konklużjoni jekk kawżi pendenti, li l-mertu tagħhom jirrigwarda għemil ta' Awtorita' li kien regolat mil-liġi anteċedenti, humiex kolpiti mill-effetti tal-liġi l-ġdida.

**8.** Il-Qorti fliet il-liġi ġdida biex tipprova tislet x'kienet l-intenzjoni tal-leġislatur inkwantu jirrigwarda l-effetti ta' din il-liġi fuq Kawża pendenti taħt ir-reġim l-antik tal-liġijiet. L-unika disposizzjoni espressament intitolata bħala transitorja hija s-segwenti:

*"TAQSIMA VIII Dispożizzjoni Transitorja*

***82.*** *Kull għemil, deċiżjoni jew azzjoni meħuda qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att skont l-artikoli 468 u 468A tal-<u>Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili</u>, l-artikoli 1576A sa 1576D tal-<u>Kodiċi Ċivili</u>, l-<u>Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet</u>, l-artikoli 20 sa 26 tal-<u>Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'</u>, l-<u>Att dwar Żgumbrament minn Artijiet</u>, l-<u>Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern</u> u l-<u>Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Artijiet</u> għandha tkompli tkun regolata bil-liġijiet li kienu fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att".*

**9.** F'din id-disposizzjoni ma hemm ebda referenza għall-Kap 88 tal-liġijiet ta' Malta. Iżda l-Qorti tinnota ukoll, li din id-disposizzjoni tirreferi biss għal għemil, deċiżjoni jew azzjoni u dan b'referenza għall-Awtoritajiet konċernati. Fi ftit kliem, jekk persuna qed tilmenta minn għemil, deċiżjoni, jew azzjoni meħuda minn Awtorita' qabel ma daħal fis-seħħ il-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta, l-ilment jista' biss ikun investit mill-Bord tal-Arbitraġġ kif kostitwit taħt din il-liġi.

**10.** Dan ifisser, li l-Qrati ordinarji ma humiex kompetenti biex jieħdu konjizzjoni tal-ilment anke jekk dan ikun insorġa qabel il-liġi l-ġdida ġaladarba l-proċeduri qed isiru issa. Iżda l-Qorti tinnota ukoll, li dan l-artikolu ma jipprovdix għall-**Kawżi li kienu pendenti meta daħal fis-seħħ dan l-Att.** Fil-fehma tal-Qorti, mingħajr provvediment ċar u espress dwar l-effetti tal-liġi l-ġdida fuq kawżi li kienu diġa' mibdija quddiem il-Qrati ordinarji, ma humiex effettwati. Kif jispjegaw l-awturi taljani **G. Pescatore u C. Ruperto** fl-opra tagħhom **Codice Civile Annotato (Milano. Giuffre' Editore. Ed 1978 pg 24**) fis-sistema ta' ordinament ġuridiku posittiv ma jesistix il-prinċipju impliċitu abrogattiv. Din il-Qorti testendi dan l-argument anke għas-sopravivenza tal-effetti tal-liġi antika, li l-leġislatur bil-ħsieb jew mingħajru ma jipprovdix għalihom, fost dawn kawżi u proċeduri pendenti. Din il-Qorti tkompli issaħħaħ il-fehma f'dan ir-rigward, għaliex fejn deherlu l-leġislatur provda espressament fir-rigward ix-xorta ta' kawżi pendenti. Artiklu 73 li jiddisponi kif ġej:-

"***78.*** *(1) Proċeduri pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikomplu jkunu regolati bil-liġijiet sostantivi li kienu fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, sakemm is-sid ma jindikax permezz ta' nota bil-miktub imressqa fl-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ li huwa jixtieq li l-proċeduri jiġu deċiżi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.*

*(2) Jekk is-sid jagħżel li l-proċeduri għandhom jiġu deċiżi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att huwa għandu jitħalla jżid jew ibiddel it-talbiet biex dawn ikunu jirriflettu l-azzjonijiet u r-rimedji msemmija f'dan l-Att.*

*(3) Appelli pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jibqgħu jinstemgħu mill-istess Qorti skont il-liġi li kienet fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, iżda dan mingħajr ħsara għas-sid li jekk irid iressaq azzjoni ġdida skont dan l-Att dwar materji li ma jkunux ġew deċiżi mill-Bord tal-Arbitraġġ jew mill-Qorti tal-Appell."*

**11.** Għalkemm huwa minnu, li t-titoli fil-marġini tal-liġijiet ma humiex provvedimenti fihom infushom, huwa indikattiv li dan l-artikolu huwa intitolat fil-marġini bħala "Kawżi pendenti". Din il-Qorti għalhekk tikkonkludi, li li kieku l-leġislatur ried jirregola transitorjament is-sitwazzjoni ta' kawżi pendenti quddiem il-Qrati ordinarji, allura kien ukoll jipprovdi espressament għalihom, bħal ma għamel fil-każ ta' dawk il-kawżi li kien hemm pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ qabel ma daħal fis-seħħ l-

Att riċenti. Fis-sewwa, *ubi lex voluit dixit.* Kieku din il-parti tal-liġi tiġi interpretata mod ieħor, allura kull min għandu kawża pendenti quddiem il-Qrati ordinarji jkun qiegħed jiġi mċaħħad mill-benefiċċju li ngħata lil kull min kellu kawża quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ taħt il-liġi l-antika u ċioe' li "*Jekk is-sid jagħżel li l-proċeduri għandhom jiġu deċiżi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att huwa għandu jitħalla jżid jew ibiddel it-talbiet biex dawn ikunu jirriflettu l-azzjonijiet u r-rimedji msemmija f'dan l-Att.*"

**12.** Skont din il-Qorti, fid-dawl tal-kostatazzjoni appena magħmula, wieħed mill-prinċipji li jirregola l-effetti transitorji ta' liġi ġdida fuq drittijiet diġa' akkweżiti, kemm ta' natura sostanzjali u anke dawk proċedurali hi, li persuna ma tistax titqieghed f'sitwazzjoni anqas favorevoli minn kif kienet qabel, paragonati dawn id-drittijiet, ma' dawk il-kategoriji ta' persuni li l-liġi tagħmel referenza espressa għalihom, f'dan il-każ għal dawk li kellhom kawżi pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitragg taħt il-ligi l-antika.

**13.** Di piu' din il-Qorti tħoss, li fuq prinċipju ta' ġustizzja, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, persuni li kellhom kawżi pendenti għal ammont ta' snin quddiem il-Qrati ordinarji, li ma kienx għal dan il-fatt fortwitu, u ċioe' li ilhom hekk pendenti, ma hux sewwa li f'daqqa waħda, jsibu lilhom infushom rinfaċċjati, bi provvedimenti ġodda ta' liġijiet li jġibu fix-xejn l-għażla tal-foro aġġudikanti li jkunu għamlu biex jiġi determinat l-ilment tagħhom qabel ma ġiet fis-seħħ il-liġi l-ġdida. Huwa propju għalhekk, li kien hemm bżonn disposizzjonijiet transitorji ċari f'dan ir-rigward. Dan sabiex l-iter proċesswali jkun wieħed kontinwu, ċar u ta'

ċertezza, mingħajr ma joħloq svantaġġi lill-ebda parti għall-kawża li kienet diġa' pendenti meta ġiet fis-seħħ il-liġi ġdida.

Għaldaqstant, din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha taqta' u tiddeċiedi parzjalment din il-Kawża bil-mod sewgenti, billi **tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-Konvenut Ministru Tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali ġja' Ministru tat-Trasport u Infrastruttura u **tiddikjara** għalhekk li għandha ġurisdizzjoni u kompetenza li tkompli tisma' din il-Kawża u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-istess.

Spejjes ta' dan l-episodju a' karigu tal-Konvenut Ministru Tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali ġja' Ministru tat-Trasport u Infrastruttura.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**